


# Rapport Annwali 2009

Sommarju

L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol



# Attivitajiet ewlenin fl-2009

*Madwar l-Ewropa, it-2009 kienet sena ta' kriżi ekonomika, b'ħafna ekonomiji jitħabtu biex joħorġu mir-riċessjoni, u bir-rati tal-qgħad dejjem jognhew. F'dawn iż-żminijiet diffiċli, l-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (l-Aġenzija) kompliet tagħmel enfasi dwar l-importanza tas-saħħa u s-sigurtà sabiex l-organizzazzjonijiet jiksbu suċċess.*

*Jekk inħarsu lura lejn l-2009, l-avvenimenti ewlenin għall-Aġenzija kienu jinkludu l-Istħarriġ Ewropew tal-Intrapriżi fuq Riskji Ġodda u Emerġenti (ESENER), il-Kampanja tal-Postijiet tax-Xogħol li Jgħibu 'l Quddiem is-Saħħa dwar il-Valutazzjoni tar-Riskji, stħarriġ pan-Ewropew tal-opinjoni pubblika dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, kompetizzjoni tar-ritratti u l-Premju għall-Films dwar il-Postijiet tax-Xogħol li Jgħibu 'l Quddiem is-Saħħa.*

## IL-ĠĠBR U L-ANALIŻI TAL-INFORMAZZJONI

### Osservatorju Ewropew tar-Riskji

Is-sena 2009 rat it-tlestija tal-fieldwork għal proġett ewlieni tal-Aġenzija, [l-Istħarriġ Ewropew tal-Intrapriżi fuq Riskji Ġodda u Emerġenti \(ESENER\)](#). L-istħarriġ jipprovdi informazzjoni fil-ħin reali minn organizzazzjonijiet madwar l-Ewropa, li turi kif dawn qegħdin jindirizzaw ir-riskji tal-OHS (speċjalment riskji psikosoċjali bħal stress, vjolenza u fastidju), u x'inhuma l-ixprunaturi u l-ostakoli għal tmexxija tajba tal-OHS – informazzjoni essenzjali kemm għal dawk li jfasslu l-linji politiċi kif ukoll għall-intrapriżi. Din hija l-ewwel darba li twestaq stħarriġ mifruż mal-Ewropa kollha dwar dan is-suġġett fuq il-livell ta'intrapriżi. Ir-riżultati preliminari tħabbru waqt l-avveniment tal-għeluq tal-Kampanja tal-Aġenzija Postijiet tax-Xogħol li Jgħibu 'l Quddiem is-Saħħa dwar il-Valutazzjoni tar-Riskji, f'Novembru 2009, filwaqt li r-riżultati sħaħ sejrini jgħu mnedija f'Ġunju 2010 waqt avveniment tal-Presidenza Spanjola tal-Kunsill tal-UE.

Fl-2009, l-Osservatorju Ewropew tar-Riskji (ERO) tal-Aġenzija beda l-proġett ta' *previżjoni* tiegħu, li jmur lil hinn milli jħares lejn ir-riskji li huma diġà evidenti. B'orizzont ta' żmien ta' 10 snin, il-proġett ta' *previżjoni* sejjer jippreżenta lil dawk li jfasslu l-linji politiċi b'xenarji possibbli għall-ġejjieni, sabiex jgħinhom jieħdu azzjoni biex inaqqsu riskji ġodda fuq il-postijiet tax-xogħol. L-ewwel *studju ta' previżjoni*, li beda fl-2009 b'sejħa għall-offerti, jitratta l-kwistjoni fil-ħin ta' riskji ġodda u emerġenti fl-impjegji "ħodor".

It-[Tbassir Espert dwar ir-riskji kimiċi emerġenti relatati mas-saħħa fuq il-post tax-xogħol](#) għie ppubblikat – l-aħħar wieħed mill-erba' rapporti ewlenin tal-ERO dwar ir-riskji emerġenti, wara oħrajn dwar ir-riskji psikosoċjali, fiżiċi u bijoloġiċi:

flimkien, ir-rapporti jimmiraw li jstabbilixxu l-istat ta' għarfien f'dawn l-oqsma ewlenin ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol (OHS). Ir-rapport dwar is-sustanzi kimiċi, li jippreżenta l-fehmiet tal-esperti minn madwar l-Ewropa, jidentifika tħassib partikolari dwar ċerti tipi ta' sustanzi u ċerti tipi ta' espożizzjoni. Bħar-rapporti l-oħrajn, huwa jiffirma l-punt tat-tluq għal aktar studji u diskussjoni.

Tħejijiet reviżjoni tal-letteratura dwar il-*'Manutenzjoni u l-OHS'*, bil-għan li tappoġġja l-Kampanja tal-Aġenzija dwar il-Postijiet tax-Xogħol li Jgħibu 'l Quddiem is-Saħħa għall-2010-2011, li sejra tiffoka fuq is-suġġett tal-manutenzjoni. Ir-reviżjoni tagħti l-ewwel stampa komprensiva tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema tal-manutenzjoni, u għall-ewwel darba tidentifika l-proporzjon għoli ta' inċidenti li jseħħu f'postijiet tax-xogħol Ewropej li huma relatati mal-manutenzjoni.

Bħala parti mill-proġett kontinwu tal-Aġenzija *'L-OHS fil-Figuri'*, li huwa mmirat biex jipprovdi bażi ta' evidenza għall-prevenzjoni ta' inċidenti u mard fuq il-postijiet tax-xogħol fl-Ewropa, għie ppubblikat ir-rapport ['L-OHS fil-Figuri: l-Istress fuq il-post tax-xogħol – fatti u figuri'](#), li jlaqqa' flimkien statistika u riċerka minn madwar l-Ewropa kollha.

Inbdiet ukoll reviżjoni tal-letteratura bħala parti mill-proġett *In-Nisa fuq il-Post tax-Xogħol*, li tħares lejn l-implikazzjonijiet tal-OHS fuq in-numri dejjem jikbru ta' nisa fil-forza tax-xogħol Ewropea.

Il-proġett *ERA ĠDIDA TAL-OHS*, li jimmira li jrawwem il-koordinazzjoni tar-riċerka tal-OHS fl-Ewropa, ra l-ewwel sejħa komuni tiegħu minn organizzazzjonijiet parteċipanti, dwar is-suġġett tal-istress relatat max-xogħol.

Ir-reviżjoni tal-letteratura tal-2009 dwar ['L-interface bejn il-bniedem u l-magni bħala riskju emerġenti'](#), li tirriżulta mir-rapport tal-ERO dwar ir-riskji fiżiċi emerġenti, tagħmel enfasi fuq l-importanza tad-disinn ergonomiku.

Reviżjoni tal-letteratura oħra dwar ['Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol tal-ħaddiema tat-tindif'](#) tħares lejn ir-riskji li dawn ikollhom jiffaċċjaw – dan huwa l-ewwel studju tax-xorta tiegħu li twestaq fil-livell tal-UE. L-Aġenzija organizzat seminar mal-partijiet interessati u riċerkaturi sabiex jiddiskutu flimkien is-sejbiet tar-reviżjoni, u jidentifikaw x'azzjonijiet jistgħu jittieħdu sabiex titejjeb is-saħħa u s-sigurtà ta' dan il-grupp ta' ħaddiema li spiss jiġi injorat.

Ir-rapport għdid ['Stħarriġ Esplorattiv tal-Limiti ta' Espożizzjoni fuq il-Post tax-Xogħol \(OELs\) għal Sustanzi Karċinoġeni, Mutaġeni u Tossiċi għar-Riproduzzjoni \(CMRs\) fil-livell tal-Istati Membri tal-UE'](#) jagħti ħarsa ġenerali lejn is-sistemi li jintużaw fl-Istati Membri differenti tal-UE sabiex jiġu stabbiliti limiti ta' espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol għal sustanzi perikolużi.

Ir-rapport [‘L-ippjanar strateġiku tal-ispettorati tax-xogħol dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol’](#) jitratta s-suġġetti tal-OHS li l-ispettorati tax-xogħol jaraw bħala prijoritajiet f'termini ta' riċerka u tqajjim ta' kuxjenza. L-ispettorati tax-xogħol jilagħbu rwol importanti fil-promozzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u qegħdin jiffokaw l-attenzjoni tagħhom dejjem aktar fuq l-antiċipazzjoni, id-definizzjoni u l-prevenzjoni tar-riskji emerġenti.

## Informazzjoni dwar l-Ambjent tax-Xogħol

Il-ħidma tat-Taqsima tal-Informazzjoni dwar l-Ambjent tax-Xogħol fuq inċentivi ekonomiċi hija dovuta għall-fatt li hemm hteġa għal informazzjoni ta' kwalità assigurata għal organizzazzjonijiet f'dan il-qasam. Hawn gvernijiet u assiguratari jkunu jixtiequ jdaħħlu fis-seħħ skemi ta' inċentivi aħjar, iżda jkollhom bżonn informazzjoni fuq kif jistgħu jagħmlu dan, u liema mudelli wrew li kienu effettivi. Żewġ workshops esperti li ġew organizzati dwar dan is-suġġett għamlu użu mis-sejbiet tar-rapport.

Il-proġett *‘Il-Promozzjoni tas-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (WHP)’*, li jħares lejn it-tentattivi ta' dawk li jħaddmu biex iħeġġu lill-impjegati jadottaw stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa, ipproduċa studji dwar l-effett tal-[‘Promozzjoni tas-saħħa fis-settur tal-trasport’](#) u studji dwar l-effett tal-[‘Promozzjoni tas-saħħa mentali fis-settur tal-kura tas-saħħa’](#), kif ukoll kollezzjonijiet ta' studji ta' każijiet dwar il-promozzjoni tas-saħħa mentali u d-WHP fost il-ħaddiema zgħażaġh.

FI-2009 ġew prodotti żewġ rapporti dwar l-integrazzjoni jew il-‘mainstreaming’ tal-OHS fl-edukazzjoni. L-ewwel wieheġ, [‘L-OHS fil-kurrikulu tal-iskola – rekwiżiti u attivitajiet fl-Istati Membri’](#), huwa l-ewwel reviżjoni komprensiva tal-modi kif l-Istati Membri tal-UE jinkludu l-OHS u l-edukazzjoni dwar ir-riskji fil-kurrikulu nazzjonali tal-iskejjel. It-tieni rapport, [‘Il-prevenzjoni tar-riskji għall-ħaddiema zgħażaġh: politika, programmi u prattiki fuq il-post tax-xogħol’](#), jagħti eżempji ta' prattika tajba fil-prevenzjoni tar-riskji għall-ħaddiema zgħażaġh.

Waħda mill-legati tal-Kampanja tal-Postijiet tax-Xogħol li Jġibu ‘l Quddiem is-Saħħa dwar il-Valutazzjoni tar-Riskji sejra tkun *‘għodda interattiva online ta’ valutazzjoni tar-riskji’* (OIRA) mingħajr ħlas għall-intrapriżi mikro u żgħar, li qiegħda tiġi żviluppata bħalissa. Barra minn hekk, database komprensiva hija aċċessibbli minn fuq il-websajt, li tlaqqa’ flimkien listi ta’ verifika, manwali u għodod oħrajn ta’ valutazzjoni tar-riskji minn madwar l-Ewropa.

Ir-rapport [‘Il-prevenzjoni tar-riskji fil-prattika: Prattika tajba relatata mal-valutazzjoni tar-riskji’](#) ġabar l-eżempji ta’ valutazzjoni effettiva tar-riskji li ġew rikonnoxxuti fil-Premijiet ta’ Prattika Tajba li kienu organizzati bħala parti mill-Kampanja tal-Postijiet tax-Xogħol li Jġibu ‘l Quddiem is-Saħħa 2008-2009.

Ir-rapport [‘Il-valutazzjoni, l-eliminazzjoni u t-tnaqqis sostanzjali tar-riskji fuq il-post tax-xogħol’](#) jippreżenta każijiet minn varjetà ta’ postijiet tax-xogħol li juru kif proċess ta’ valutazzjoni tar-riskji wassal biex riskju jiġi identifikat u sussegwentement jiġi eliminat b’suċċess jew jitnaqqas b’mod sostanzjali.

Sadanittant, ir-rapport [‘Id-diversità tal-forza tax-xogħol u l-valutazzjoni tar-riskji: sabiex jiġi żgurati li kulhaad ikun kopert’](#), jagħmel enfasi fuq il-ħteġa li titwettag valutazzjoni tar-riskji inklussiva sabiex tittieħed f’kunsiderazzjoni d-

diversità tal-forza tax-xogħol fil-valutazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji.

Ġiet iffinalizzata serje ta’ studji ta’ każijiet dwar il-prevenzjoni tad-disturbi muskuloskeletalni fl-[agrikoltura](#).

FI-2009 beda proġett maħsub biex jidentifika prattika tajba fil-ġestjoni tar-riskji tal-OHS fit-trasport bit-triq.

L-Aġenzija kompliet ukoll bil-ħidma tagħha biex ittejjeb il-faċilità ġenerali tal-użu tas-sezzjoni tal-websajt tagħha li tittratta l-[leġiżlazzjoni tal-OHS fl-Ewropa](#).

Matul l-2009 tħejjiet firxa wiesgħa ta’ materjal differenti għall-[Kampanja li jmiss tal-Postijiet tax-Xogħol li Jġibu ‘l Quddiem is-Saħħa dwar il-Manutenzjoni Mingħajr Periklu](#), inkluż gwida tal-kampanja, folji ta’ fatti, preżentazzjonijiet, powsters u fuljetti, studji ta’ każijiet ta’ prattika tajba, u vidjo animat li jippreżenta lill-karattru animat popolari Napo.

## KOMUNIKAZZJONI, KAMPANJI U PROMOZZJONI

L-2009 kienet it-tieni u l-aħħar sena tal-[Kampanja tal-Aġenzija tal-Postijiet tax-Xogħol li Jġibu ‘l Quddiem is-Saħħa dwar il-Valutazzjoni tar-Riskji](#), li kisbet suċċess kbir, u li hija l-bażi tal-ġestjoni tas-saħħa u s-sigurtà. Il-kampanja, li issa hija l-akbar waħda tax-xorta tagħha fid-dinja, rat livell rekord ta’ involviment madwar l-Istati Membri kollha tal-UE u ‘lil hinn minnhom. Aktar minn żewġ miljun biċċa ta’ materjal informattiv tal-kampanja tqassmu madwar l-UE.

L-attivitajiet dwar il-kampanja kienu jinkludu l-involviment ta’ 43 organizzazzjoni Ewropea prominenti bħala [msieħba uffiċjali tal-kampanja](#).

Il-[Premijiet ta’ Prattika Tajba](#), organizzati bħala parti mill-kampanja, taw rikonnoxximent lil dawk l-organizzazzjonijiet li għamlu kontribuzzjonijiet eċċezzjonali fil-promozzjoni tal-valutazzjoni tar-riskji fuq il-post tax-xogħol.

L-Aġenzija, flimkien mal-punti fokali kollha, organizzaw l-attivitajiet tal-kampanja li ġew appoġġjati mill-Pakkett Ewropew ta’ Assistenza għall-Kampanja (ECAP) fil-livell nazzjonali: 101 sħubija nazzjonali u laqgħat mal-partijiet interessati, 14-il avveniment tal-midja (konferenzi stampa, diskussjonijiet tal-ġurnalisti/esperti), 3 call-ins bir-radju, 21 stqarrija nazzjonali għall-aħbarijiet u 20 artiklu professjonali.

Twettqet ukoll evalwazzjoni tal-effettività tal-attivitajiet tal-kampanja u tal-mudell tal-kampanja fuq medda ta’ sentejn u l-mekkaniżmu ECAP ta’ appoġġ għall-kampanja. B’mod ġenerali, il-Kampanja tal-Postijiet tax-Xogħol li Jġibu ‘l Quddiem is-Saħħa 2008-2009 kienet waħda mill-kampanji li kisbet l-aktar suċċess b’ammont konsiderevoli ta’ evidenza li tipponta lejn għarfien akbar tal-importanza tal-valutazzjoni tar-riskji (u modi kif din issir) u riżultati pożittivi oħrajn.

Il-[Ġimgħa Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, f'Ottubru 2009](#), kienet il-fokus tal-avvenimenti tal-kampanja, li matulha ġew organizzati firxa wiesgħa ta’ konferenzi, seminars u sessjonijiet ta’ taħriġ.

Il-kampanja għalqet b’[Samit Ewropew dwar il-valutazzjoni tar-riskji u l-SMEs](#) – l-avveniment kien appoġġjat mill-Presidenza Żvediża tal-Kunsill tal-UE, il-gvern Spanjol u l-gvern reġjonali Bask. Dawk li jfasslu l-linji politiċi tal-UE, l-imsieħba soċjali u l-esperti ewlenin tas-saħħa u s-sigurtà

Itaqgħu flimkien sabiex jiddiskutu l-kwistjonijiet imqajma mill-kampanja.

Għall-ewwel darba, l-avveniment tal-għeluq kien jinkludi [Jum ta' Network](#), li fih l-imsieħba tal-Aġenzija minn madwar l-Ewropa kollha, u b'mod speċjali l-punti fokali, setgħu jiltaqgħu biex jaqsmu l-ideat u l-kompetenzi tagħhom.

L-attivitajiet biex titqajjem kuxjenza dwar l-Aġenzija fit-2009 kienu jinkludu [‘Sfharriġ pan-Ewropew tal-opinjoni pubblika dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol’](#), li kien maħsub biex isir jaf x'jaħsbu l-ħaddiema Ewropej dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom. Skont ir-riżultat ta' dan l-istħarriġ, hemm tħassib mifruq fost iċ-ċittadini Ewropej li l-kriżi ekonomika attwali tista' taffettwa ħażin lis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, billi tpoġġi friskju t-titjib li jirrapportaw li osservaw matul l-aħħar ħames snin. Fil-fatt, 6 minn kull 10 ċittadini Ewropej qeġhdin jistennaw li t-tnaqqs globali fl-attività ekonomika jiddeterjora l-kundizzjonijiet tax-xogħol, speċjalment fir-rigward tas-saħħa u s-sigurtà.

[Kompetizzjoni tar-ritratti mifruxa madwar l-Ewropa kollha](#) rċeviet aktar minn 1,600 sottomissjoni minn 800 parteċipant minn madwar l-UE kollha. Il-fotografi kienu mitluba jagħtu l-interpretazzjoni tagħhom tal-mistoqsija *“X’inhil-immaġini tiegħek tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol?”*

Għall-ewwel darba, fl-2009 l-Aġenzija appoġġjat il-[Premju għall-Films dwar il-Postijiet tax-Xogħol li Jgħibu 'l Quddiem is-Saħħa](#) għall-aħjar dokumentarju fuq suġġetti relatati max-xogħol waqt il-Festival Internazzjonali ta' Leipzig għal Dokumentarji u Films Animati. Ir-rebbieħ kien film intitolat ‘A Blooming Business,’ mid-Direttur Olandiż Ton Van Zantvoort, li juri l-kundizzjonijiet perikolużi tax-xogħol fl-industrija globalizzata tal-fjuri.

L-attivitajiet promozzjonali kienu jinkludu wkoll l-organizzazzjoni ta' żjarat tal-ġurnalisti lir-rebbieħa tal-Premjijiet ta' Prattika Tajba, it-tnejjija ta' vidjos tal-Aġenzija u l-organizzazzjoni ta' numru ta' avvenimenti tal-OHS.

Il-monitoraġġ tal-midja matul is-sena juri interess konsiderevoli mill-istampa fil-ħidma tal-Aġenzija wara li ġew irċevuti 2,260 artiklu mill-istampa.

Is-sena 2009 rat it-teħid tal-ewwel passi fuq sħubija ġdida ta' komunikazzjoni, li sejra tinvolvi l-Aġenzija li taħdem mad-DG għall-Intrapriżi u l-Industrija tal-Kummissjoni Ewropea u n-[Network Ewropa għall-Intrapriżi \(EEN\)](#) sabiex tilħaq lill-SMEs, speċjalment b'informazzjoni dwar l-OHS.

L-iżviluppi fuq l-internet fl-2009 kienu jinkludu blog ġdid tal-Aġenzija, sfharriġ għall-utenti, eżerċizzju ta' benchmarking tal-websajt tal-Aġenzija kontra dawk ta' organizzazzjonijiet simili, u t-tielet sena tal-kampanja promozzjonali ‘Google AdWords’ tal-Aġenzija.

## L-IŻVILUPP TAN-NETWERK

L-Aġenzija kompliet bil-ħidma tagħha tikkoordina l-Istrateġija tagħha ma' dawk ta' organizzazzjonijiet oħrajn tal-OHS. L-Aġenzija kienet ukoll qiegħda tiġbor informazzjoni biex tkun tista' tkejjel l-impatt tal-attivitajiet tagħha, u tkompli ssaħħaħ il-kollaborazzjoni tagħha ma' msieħba internazzjonali (inklużi, għall-ewwel darba, xi Stati involuti fil-Politika Ewropea tal-Viċinat).

## PROSPETTI GħALL-2010

L-attivitajiet tal-Aġenzija fl-2010 se jinkludu l-implimentazzjoni tal-*proġett ta' previżjoni*: l-ewwel fażi sejra tesplora l-ixprunaturi soċjo-kulturali, ekonomiċi, politiċi, tekniċi u ambjentali ewlenin tat-tibdil fl-impjegji ‘ħodor’.

Ir-reviżjonijiet tal-letteratura u r-rapporti se jinkludu jindirizzaw in-nanoteknoloġiji, l-involviment tal-ħaddiema, l-espożizzjoni mħallta għall-MSDs u r-riskji psikosoċjali, il-vjolenza u l-fastidju, is-saħħa u s-sigurtà li jiffaċċjaw dawk li jaħdmu għal rashom, u rapporti li jappoġġjaw il-kampanja dwar il-Manutenzjoni mingħajr Periklu.

L-istħarriġ ESENER se jgħi mnedi uffċjalment fil-midja bl-involviment tal-Presidenza Spanjola tal-Kunsill tal-UE f'Ġunju 2010, wara briefing fil-Parlament Ewropew f'Marzu – rapport li jagħti r-iżultati inizjali se jgħi jpubblikat f'Ġunju, filwaqt li sejra tiġi żviluppata għodda ta' *mapping* fuq l-internet bil-għan li tgħin fl-analiżi tad-dejta tal-istħarriġ. Ġew ikkummissjonati erba' rapporti, bħala parti minn din l-analiżi sekondarja.

L-Aġenzija sejra twettaq proġetti pilota sabiex tivvalida l-istrateġija ta' diffużjoni għall-għodda OIRA tagħha, billi taħdem mal-imsieħba biex tiżviluppa għodod nazzjonali u speċifiċi għas-setturi.

Ir-rapport dwar l-inċentivi ekonomiċi se jgħi perspettiva aġornata tal-*enticements* (bħal primjums tal-assigurazzjoni u rati tat-taxxa aktar baxxi) li jintużaw madwar l-Ewropa sabiex l-organizzazzjonijiet jiġu mmotivati jtejbu l-OHS tagħhom.

Prodotti li jirriżultaw mill-proġett tal-Promozzjoni tas-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol jinkludu żewġ folji ta' fatti, rapporti ta' studji ta' każijiet dwar il-promozzjoni tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol fost il-ħaddiema żgħażaġħ, u dwar il-promozzjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol.

Il-ħidma sejra tibda billi jiġi definit l-ambitu tal-kampanja 2012-13, li sejra tindirizza waħda mit-temi kumplessivi tal-Istrateġija tal-Komunità – il-promozzjoni tal-prevenzjoni tar-riskji bħala l-bażi tal-approċċ Ewropew għal saħħa u sigurtà aħjar fuq il-post tax-xogħol.

L-isforzi sabiex tingħata pubbliċità lill-Kampanja tal-Postijiet tax-Xogħol li Jgħibu 'l Quddiem is-Saħħa dwar il-Manutenzjoni Mingħajr Periklu 2010-11 se jgħi jiffokaw fuq Laqgħa ta' Sħubija tal-UE, li għandha tippreżenta l-kampanja lil imsieħba potenzjali, it-tnedija uffċjali tal-kampanja fit-28 ta' April, u l-Ġimgħa Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà f'Ottubru.

Se jgħi jitqassam ammont kbir ta' materjal tal-kampanja, u sejra tiġi organizzata l-għaxar edizzjoni tal-kompetizzjoni għall-Prattika Tajba, sabiex tonora lil dawk l-organizzazzjonijiet li sabu modi innovattivi kif jippromwov u s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

Fis-sena 2010 għandha tiġi organizzata edizzjoni oħra tal-Premju għall-Films dwar il-Postijiet tax-Xogħol li Jgħibu 'l Quddiem is-Saħħa waqt il-Festival DOK ta' Leipzig.

Finalment, hekk kif qiegħda tikkoordina l-Kapijiet tan-[Network tal-Aġenziji](#) matul l-2010, l-Aġenzija sejra tkun qiegħda tirrappreżenta lill-aġenziji regolatorji kollha tal-UE, fi żmien meta qiegħed isir dibattitu dwar il-post futur tal-aġenziji fit-tmexxija tal-UE.